FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 12 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 717/01 AE**

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Emanuel sive Eman Attard.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sebgha mija u tnejn u tletin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm732.65) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2001 sal-jum tal-pagament effettiv bilanc ghad-debitu fil-Loan Account tal-konvenut.

Ra n-nota prezentata fis-seduta tal-lum li permezz taghha s-socjeta attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin lira Maltija u tlett centezmi (Lm465.03) flimkien ma' l-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2001.

Semgha lill-konvenut jammetti t-talba tas-socjeta attrici kif ridotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin lira Maltija u tlett centezmi (Lm465.03) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2001 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi drittijiet legali, kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**